# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 85/2001G1(PC)

**Mary Buttigieg bhala mandatarja ta' huha Eucaristico sive Eucharistic Buttigieg .**

**Il-Qorti :**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici nomine wara li ppremettiet :**

**Illi l-attur nomine Eucaristico sive Eucharistic Buttigieg twieled fin-Nadur, Ghawdex fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu, elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv hames mija u tlieta u sebghin (573.1951) Dokumen "A" ;**

**Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur nomine gie imnizzel bhala "Eucaristico" u dan nonstante illi l-ġenituri tieghu riedu li isem l-attur nomine ikun "Eucharistic" ;**

**Illi di piu' l-attur nomine dejjem kien maghruf ossia msejjah bl-isem ta' "Eucharistic" u dan kif jirrizulta minn diversi dokumenti fosthom kopja tal-passaport gia' mahrug lill-attur nomine bin-numru 30252, *Resident Alien Card* f'isem l-attur mahrug mid-dipartiment tal-Gustizzja u Immigrazzjoni ta' l-Istati Uniti u licenzja tas-sewqan mahruga mill-Istati Uniti .**

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

**1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u tlieta u sebghin (573/1951) billi fil-kolonna "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem "Eucaristico" jigi sostitwit bl-isem "Eucharistic" .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minna issa huwa ngunt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attrici nomine .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' bhala dokument "A" kopja tac-certifikat tat-twelid numru : 573/1951, bhala dokument "B", kopja tal-passaport ta' Eucaristico sive Eucharistic" Buttigieg, u bhala dokument "C", kopja tar-Resident Alien Card" u l-licenzja tas-sewqan ta' l-istess Eucaristico sive Eucharistic Buttigieg .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba ;**
2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**
3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut .**

**Il-Qorti wara li semghet lill-attrici nomine, u ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija tlieta u sebghin tal-elf disa' mija wiehed u hamsin (573/1951), billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Eucaristico' jigi sostitwit bl-isem "Eucharistic".**

**Minhabba din in-natura tal-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**

S8501G1(pc)
417